MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1085/2006

Is-Socjeta` Combinati Transport Services Limited
vs
Is-socjeta` Superfruits Limited, is-socjeta` VSP Foods Limited u Saviour sive Salvu Micallef

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Joseph John Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti Combinati Transposrt Services Limited li bih espona-:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tal-intimati fis-somma ta’ tlettax-il elf tliet mija u seba’ u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm13,387.36), bilanc minn somma akbar dovuta ghal servizz ta’ trasport ta’ diversi kunsinni ta’ frott u hxejjex, liema servizz gie rez mis-socjeta` rikorrenti lill-intimati fuq inkargu ta’ l-istess intimati. Dan skond il-prospett anness mar-rikors u mmarkat bhala **Dok. CTS-1**;

2. Illi ghalkemm mill-prospett anness (Dok. CTS-1) jidher li l-ammont ta’ ghaxart elef tmien mija u tlettax-il Lira Maltin u sittin centezmu (Lm10,813.60) huwa dovut mis-socjeta` intimata VSP Foods Limited, filwaqt li l-ammont ta’ elfejn hames mija tlieta u sebghin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm2,573.76) huwa dovut mis-socjeta` intimata Superfruits Limited, fil-fatt kemm is-socjeta` intimata Superfruits Limited kif ukoll l-intimat Saviour sive Salvu Micallef assumew id-dejn tas-socjeta` intimata l-ohra VSP Foods Limited fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, fl-ammont kumplessiv ta’ tlettax-il elf tliet mija u seba’ u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm13,387.36), u dana kif kien ser jigi ppruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

3. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu d-debitu taghhom, liema debitu gie pjenament rikonoxxut mill-intimati, tant li kif kien ser jigi pruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri, fasslu diversi ***payment programmes*** li qatt ma onoraw, huma baqghu inadempjenti;

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ tlettax-il elf tliet mija u seba’ u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm13,387.36); u

2. Tikkundanna ghalhekk lill-intimati jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tlettax-il elf tliet mija u seba’ u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm13,387.36), dovuti kif intqal fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru u ta’ qbid, (numri u rispettivament), u bl-imghaxijiet mid-data tat-trasport tal-kunsinni rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi mill-verbal tas-27 ta' Marzu, 2007 jirrizulta li Dr. Adrian Camilleri pprezenta nota ta' ammissjoni ghal Saviour Micallef u VSP Foods Limited.

Rat illi s-socjeta` Supefruits Limited debitament notifikata bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ma pprezentatx risposta u ghalhekk baqghet kontumaci.

Xehed Saviour Micallef u qal li hu mhux direttur tas-socjeta` Superfruits Limited u anqas ghandu ishma fiha. Qal li huwa Patrick Meli li fil-fatt huwa direttur f'din is-socjeta`. F'din id-ditta hu qatt ma kien direttur u anqas kellu r-rapprezentanza legali taghha. Qal ukoll li m'ghandux xi ***share holding agreement***.

Xehed Joseph Attard, direttur fis-socjeta` Combinati Transport Services Limited u qal li hu rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti. Qal li l-ammont mitlub fir-rikors ghadu dovut ghax infatti minn meta pprezenta r-rikors 'l hawn qatt ma sar l-ebda pagament akkont.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tas-socjeta` VSP Foods Limited u Salvu Micallef u fuq kontumacja tas-socjeta` Superfruits Limited, it-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom u filwaqt li tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tlettax-il elf tliet mija u seba' u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm13,387.36),

qed tikkundanna ghalhekk lill-intimati jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tlettax-il elf tliet mija u seba’ u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm13,387.36), dovuti kif intqal fuq.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------